MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Numru 324/2015

**Pulizija**

**Spettur Robert Vella**

**Vs**

**Luke Zammit**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Luke Zammit ta’ 26 sena, bin Marco u Maria Gloria nee’ Chetcuti, mwieled Pieta’ fis- 16 at’ Dicembru 1988, residenti 51, Flat 12, Triq l-Isqof FS Caruana,

Msida jew 169, Chelsea, Triq il-Gizimin, Swieqi u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 2889M;

> Talli fil- 15 ta' Awwissu 2014 ghal habta tal- 4.00am gewwa dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew lqieghed il-hajja ta' haddiehor f'epriklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Cedric Chircop skont ma ccertifika Dr Giovanni Grech MD (Reg no. 5537) mill-isptar Mater Dei;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar istadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Art 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------